2024/2507

27.9.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2507

tas-26 ta' Settembru 2024

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201 rigward miżuri li jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni tal-*Xylella fastidiosa* (Wells *et al.*) u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1770 rigward il-lista ta' speċijiet ta' pjanti li mhumiex eżentati mir-rekwiżit tal-kodiċi tat-traċċabbiltà għall-passaporti tal-pjanti

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1), il-punti (a), (d), (e), (f), (h), l-Artikolu 28(2) u l-Artikolu 83(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1201 [2] jipprevedi miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ulterjuri fit-territorju tal-Unjoni tal-*Xylella fastidiosa* (Wells *et al.*) ("il-pest speċifikat").

(2) Abbażi tal-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201 minn Awwissu 2020, huwa xieraq li jiġu riveduti xi whud mid-dispożizzjonijiet tiegħu.

(3) Hemm nuqqas ta' ċarezza dwar l-identità tal-vetturi rilevanti għall-pest speċifikat. Għalhekk, u f'konformità mal-għarfien miksub mill-preżenza tal-pest speċifikat, jenħtieġ li l-vetturi rilevanti jiġu definiti bħala insetti *Cicadomorpha* magħrufa li jittrażmettu l-pest speċifikat lill-pjanti, jew kwalunkwe insett ieħor suspettat li jittrażmetti l-pest speċifikat lill-pjanti.

(4) Il-pest speċifikat ġie identifikat fi pjanti li juru sintomi ta' infezzjoni li mhumiex elenkati bħala pjanti ospitanti. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-istħarriġiet annwali skont l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201 f'każ ta' suspett ta' infezzjoni jenħtieġ li jkopri speċijiet oħra ta' pjanti minbarra l-pjanti ospitanti. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata identifikazzjoni bikrija tal-pest speċifikat, il-kamp ta' applikazzjoni tal-istħarriġiet jenħtieġ li jinkludi l-possibbiltà li tiġi mistħarrġa l-preżenza tal-pest speċifikat fil-vetturi.

(5) Barra minn hekk, f'żoni fejn il-pest ma jkunx magħruf li huwa preżenti, xi drabi jkun ta' piż għall-Istati Membri jew għall-pajjiżi terzi li jwettqu stħarriġiet għall-identifikazzjoni ta' livell ta' preżenza ta' 1 % tal-pjanti infettati b'affidabbiltà ta' mill-inqas 80 %. Għalhekk, mhuwiex meħtieġ li jiġu speċifikati l-livell ta' affidabbiltà u l-prevalenza tad-disinn fl-Artikolu 2(4), fl-Artikolu 28, il-punt (a), u fl-Artikolu 29, il-punt (a). Minflok, l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jiddeċiedu l-livell ta' affidabbiltà u l-prevalenza tad-disinn tal-istħarriġiet imwettqa fit-territorji tagħhom, skont il-Linji Gwida tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") għal stħarriġiet statistikament sodi u bbażati fuq ir-riskju tal-*Xylella fastidiosa* [3].

(6) Sabiex jiġi żgurat livell xieraq ta' protezzjoni fitosanitarja, huwa meħtieġ ukoll li fl-Artikolu 2 jiġi ċċarat li, meta l-pest speċifikat jiġi identifikat f'vettur, jenħtieġ li l-istħarriġiet jiġu intensifikati madwar is-sejba tal-vettur infettat, sabiex jiġu identifikati l-pjanti infettati bil-pest speċifikat.

[1] ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1201 tal-14 ta' Awwissu 2020 rigward miżuri li jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni tal-*Xylella fastidiosa* (Wells *et al.*) (ĠU L 269, 17.8.2020, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1201/oj).

[3] Il-pubblikazzjoni ta' sostenn tal-EFSA 2020: EN-1873. 76 pp. (https://doi.org/10.2903/sp.efsa.2020.EN-1873).

(7) Jenħtieġ li jiġi speċifikat li fil-każ fejn, minħabba l-kundizzjonijiet ekoklimatiċi, il-pest speċifikat ma jkunx jista' jistabbilixxi ruħu fil-berah, l-istħarriġiet imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201 minflok fil-berah għandhom jitwettqu biss fil-postijiet rilevanti fejn il-preżenza ta' pjanti ospitanti tista' toħloq riskju għat-tixrid tal-pest speċifikat fit-territorju tal-Unjoni.

(8) Barra minn hekk, fid-dawl tar-riskju fitosanitarju rispettiv, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat fl-Artikolu 4(1), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201, li jenħtieġ li tiġi stabbilita żona demarkata biss meta l-preżenza tal-pest speċifikat tiġi kkonfermata uffiċjalment fil-pjanti.

(9) Minkejja l-ħtieġa li jitwettqu stħarriġiet meta tiġi applikata d-deroga biex ma tiġix stabbilita żona demarkata f'konformità mal-Artikolu 5(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201, huwa raġonevoli li l-obbligu li jitwettqu stħarriġiet annwali skont l-Artikolu 5(4) ta' dak ir-Regolament jitnaqqas għal sena. Madankollu, sabiex tiġi żgurata l-kredibbiltà ta' dawk l-istħarriġiet, huwa meħtieġ li jiġi indikat li dawn għandhom jikkonsistu fil-ġbir ta' kampjuni għall-ittestjar bl-użu tat-testijiet molekulari elenkati f'dak ir-Regolament, billi jiġu indikati l-livell minimu ta' affidabbiltà u l-prevalenza tad-disinn ta' tali stħarriġiet.

(10) L-Artikolu 7(1), il-punt (e), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201 ħoloq xi konfużjoni matul l-applikazzjoni tiegħu. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li jiġi stipulat li l-pjanti li fit-testijiet ikollhom riżultat negattiv għall-preżenza tal-pesti speċifikati ma għandhomx għalfejn jitneħħew.

(11) Il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga mill-Artikolu 7(1), il-punti (b), (c) u (d), prevista fl-Artikolu 7(3), jenħtieġ li jiġi estiż biex ikopri siġar xjuħ jew oħrajn b'valur soċjali, kulturali jew ambjentali partikolari, sabiex jiġu ssodisfati d-domandi tas-soċjetà għall-protezzjoni ta' dawk is-siġar.

(12) Sabiex ikun jista' jsir l-aħjar użu mir-riżorsi, meta jiġu applikati l-miżuri ta' eradikazzjoni, huwa xieraq li l-Istati Membri jitħallew ma jiħdux minnufih kampjuni u jwettqu testijiet fuq dawk il-pjanti speċifikati li ma jkunux instabu li huma infettati f'dik iż-żona demarkata fl-aħħar sentejn. Madankollu, u sabiex jiġi żgurat il-livell xieraq ta' protezzjoni fitosanitarja, huwa meħtieġ li dawk il-pjanti jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istħarriġiet li jridu jitwettqu kull sena fiż-żoni demarkati deskritti fl-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201.

(13) Huwa meħtieġ li fl-Artikoli 8 u 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201 jiġi speċifikat li t-trattamenti fitosanitarji xierqa qabel u matul it-tneħħija tal-pjanti jenħtieġ li jiġu applikati b'mod partikolari matul l-istaġun tal-migrazzjoni tal-vetturi. Barra minn hekk, jenħtieġ li ssir distinzjoni ċara bejn żoni agrikoli u żoni oħra fl-Artikolu 8, minħabba li mill-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201 ġew identifikati tifqigħat tal-pest speċifikat f'żoni għajr żoni agrikoli.

(14) L-Artikoli 9 u 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201 jipprevedu l-possibbiltà li ma jinqeridx l-injam tal-pjanti mneħħija meta dak l-injam ikun ġie soġġett għal trattamenti fitosanitarji xierqa. Madankollu, l-esperjenza wriet li huwa meħtieġ li jiġi ċċarat aktar li l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw li l-injam ikun ħieles mill-weraq u mill-fergħat, sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' tixrid tal-pest speċifikat.

(15) Wara l-istħarriġiet imwettqa skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201, il-Portugall ikkonferma li l-eradikazzjoni tal-pest speċifikat f'diversi parroċċi fil-muniċipalitajiet ta' Espinho, Gondomar, Maia, Matosinhos, Porto, Santa Maria da Feira u Vila Nova de Gaia fir-Reġjun ta' Porto ma għadhiex possibbli.

(16) Għalhekk, jenħtieġ li dawk il-parroċċi jiżdiedu mal-lista rispettiva ta' żoni infettati taħt trażżin, kif stabbilit fl-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201.

(17) Huwa xieraq li ż-żona fejn iridu jitwettqu stħarriġiet annwali fiż-żona infettata maġenb iż-żona ta' lqugħ titnaqqas minn 5 għal 2 km, fil-każ ta' żoni infettati soġġetti għat-trażżin. Dan it-tiċkin taż-żona se jippermetti li r-riżorsi disponibbli jiġu ffukati aħjar fuq il-prevenzjoni tat-tixrid tal-pest speċifikat.

(18) Fiż-żoni infettati soġġetti għat-trażżin, iżda barra miż-żona msemmija fl-Artikolu 15(2), il-punt (a), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201, huwa xieraq li jiġu permessi t-tħawwil u t-tilqim tal-pjanti li jappartjenu għall-istess speċijiet ta' pjanti li jkunu ġew ittestjati u nstabu ħielsa mill-pest speċifikat abbażi ta' stħarriġiet imwettqa fiż-żona infettata mill-inqas fl-aħħar sentejn.

(19) F'konformità mal-Artikolu 19, il-punt (a), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201, il-moviment tal-pjanti speċifikati huwa permess meta jkunu tkabbru matul iċ-ċiklu kollu tal-produzzjoni tagħhom f'sit awtorizzat jew ikunu ilhom preżenti f'sit bħal dan mill-inqas matul l-aħħar 3 snin. Jenħtieġ li dan il-perjodu jitnaqqas minn 3 snin għal sena, filwaqt li jitqiesu l-miżuri rilevanti eżistenti li jiggarantixxu li l-pjanti jkunu ħielsa mill-pest speċifikat.

(20) L-Artikolu 23 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201 jistabbilixxi r-regoli għall-moviment tal-pjanti li jkunu tkabbru f'żona demarkata matul parti minn ħajjithom. Huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li, fir-rigward taż-żoni infettati, il-pjanti jeħtieġ li jissodisfaw ukoll ir-rekwiżiti tal-Artikolu 18, sabiex ikunu konsistenti mar-regoli speċifiċi stabbiliti f'dak l-Artikolu għat-tħawwil ta' pjanti speċifikati f'dawk iż-żoni.

(21) Huwa xieraq li mill-Artikolu 24(1), il-punt (b), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201, jitneħħa r-rekwiżit tal-awtorizzazzjoni tas-sit bħala protett fiżikament, minħabba li diġà huwa kopert mill-parti introduttorja ta' dak l-Artikolu. Barra minn hekk, u sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell possibbli ta' protezzjoni fitosanitarja, jenħtieġ lifil-punt (c) ta' dak l-Artikolu jiġi speċifikat li, miż-żewġ spezzjonijiet, mill-inqas l-aħħar waħda jenħtieġ li tinvolvi kampjunar u ttestjar.

(22) *Lavandula angustifolia* Mill., *Lavandula x intermedia* Emeric ex Loisel., *Lavandula latifolia* Medik., *Lavandula stoechas* L. u *Salvia rosmarinus* Spenn. urew li jiġu infettati b'mod rikorrenti mill-pest speċifikat u jiffaċilitaw it-tixrid tal-pest fit-territorju tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li dawn jiġu inklużi fil-lista fl-Artikolu 25(2), fl-Artikolu 28, il-punt (d), u fl-Artikolu 29, il-punt (e), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201, peress li hemm rekwiżiti speċifiċi għall-pjanti li jippreżentaw l-ogħla riskju fir-rigward tat-tixrid tal-pest speċifikat.

(23) Sabiex l-operaturi professjonali, l-awtoritajiet kompetenti u kwalunkwe utent jiksbu aktar ċarezza dwar il-passaporti tal-pjanti rispettivi li jikkonċernaw il-pest speċifikat, il-passaporti tal-pjanti li jiġu mċaqilqa fiż-żoni ta' lqugħ jew minn żona ta' lqugħ f'żona infettata jenħtieġ li jkollhom l-indikazzjoni "Żona ta' lqugħ — XYLEFA".

(24) Il-pajjiżi terzi jsibu diffikultajiet fl-introduzzjoni ta' testi jew kodiċijiet twal fiċ-ċertifikat fitosanitarju taħt ir-rubrika "post tal-oriġini" kif meħtieġ mill-Artikolu 29, il-punt (c), l-Artikolu 30(1), il-punt (c)(ii), l-Artikolu 30(2), il-punt (d)(ii). Sabiex jiġu ssimplifikati l-istruzzjonijiet għall-mili tal-informazzjoni fiċ-ċertifikati fitosanitarji, huwa xieraq li titneħħa l-indikazzjoni dwar il-post li fih dawk id-dettalji jeħtieġ li jiġu ppreżentati fiċ-ċertifikat fitosanitarju.

(25) Fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201, ir-referenza għall-pjanti ospitanti ma tikkorrispondix mal-kamp ta' applikazzjoni ta' dak l-Artikolu, li jikkonċerna l-kontrolli uffiċjali fuq il-movimenti tal-pjanti speċifikati. Għalhekk, dak l-Artikolu jenħtieġ li jiġi kkoreġut kif xieraq.

(26) Fid-dawl tal-objettiv li jiġu razzjonalizzati u mnaqqsa l-obbligi ta' rapportar u l-piż amministrattiv, l-obbligu għall-Istati Membri, skont l-Artikolu 35(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201, li jittrażmettu pjan dwar ċerti miżuri lill-Kummissjoni jenħtieġ li jitneħħa peress li ma weriex li huwa utli għall-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

(27) Mill-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201, l-Awtorità aġġornat il-bażi tad-*data* tagħha ta' pjanti għat-tħawwil, għajr iż-żrieragħ, magħrufa li huma suxxettibbli għall-pest speċifikat ([4]). Għalhekk, *Acer granatense* Boiss., *Castanea sativa* Mill., *Chenopodium album* L., *Clinopodium nepeta* (L.) Kuntze, *Cornus sanguinea* L., *Fraxinus angustifolia* Vahl, *Grevillea rosmarinifolia* A. Cunn., *Liquidambar styraciflua* L., *Lonicera periclymenum* L., *Mentha suaveolens* Ehrh., *Pyracantha coccinea* M. Roem., *Senecio inaequidens* Dc. bħala pjanti ospitanti ta' ċerti sottospeċijiet tal-pest speċifikat jeħtieġ li jiġu inklużi fl-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201.

([4]) Update of the *Xylella* spp. host plant database — systematic literature search up to 30 June 2023. *EFSA Journal* 2023; 21:e8477, DOI: https://doi.org/10.2903/j.efsa.2023.8477.

(28) Fir-rigward tal-ġeneru *Rhamnus* L., huwa xieraq li l-ispeċi *Rhamnus alaternus* L. tiġi elenkata fl-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201, minħabba li skont l-aġġornament tal-pjanti ospitanti tal-*Xylella* spp. tal-bażi tad-*data* tal-Awtorità, din l-ispeċi biss instabet li hija suxxettibbli għall-infezzjoni mill-*Xylella fastidiosa* tas-sottospeċi *multiplex*.

(29) Jenħtieġ li *Salvia apiana* Jeps. titneħħa mil-lista ta' pjanti speċifikati suxxettibbli għall-*Xylella fastidiosa* tas-sottospeċi *multiplex* stabbilita fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201, minħabba li bi żball ġiet inkluża bħala pjanta speċifikata.

(30) Mill-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201, ġew żviluppati testijiet molekulari ġodda għad-determinazzjoni tas-sottospeċijiet tal-pest speċifikat. Dawk it-testijiet ġew inklużi fl-Istandard dwar id-dijanjostika tal-Organizzazzjoni Ewropea u Mediterranja għall-Protezzjoni tal-Pjanti (OEPP) ([5]) u ġew ivvalidati wkoll mil-Laboratorju ta' Referenza Ewropew. Għalhekk jenħtieġ li dawn jiżdiedu mal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201.

(31) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1770 ([6]) jelenka l-pjanti għat-tħawwil li mhumiex eżentati mir-rekwiżit tal-kodiċi tat-traċċabbiltà għall-passaporti tal-pjanti previst fl-Artikolu 83(2) tar-Regolament (UE) 2016/2031. Dik il-lista jenħtieġ li tinkludi l-pjanti infettati mill-pest speċifikat miżjuda fl-Artikolu 25(2), fl-Artikolu 28, il-punt (d), u fl-Artikolu 29, il-punt (e), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201.

(32) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201 u (UE) 2020/1770 jiġu emendati kif xieraq.

(33) L-inklużjoni ta' pjanti għat-tħawwil, għajr iż-żerriegħa, ta' *Lavandula angustifolia* Mill., *Lavandula x intermedia* Emeric ex Loisel., *Lavandula latifolia* Medik., *Lavandula stoechas* L. u *Salvia rosmarinus* Spenn fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 25(2), l-Artikolu 28, il-punt (d), u l-Artikolu 29, il-punt (e), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201, u fil-lista ta' pjanti li jeħtieġu kodiċi tat-traċċabbiltà skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1770, jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Lulju 2025. Dan huwa meħtieġ biex l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi professjonisti jkollhom biżżejjed ħin biex jadattaw għal dawk ir-regoli l-ġodda.

(34) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jiżdied il-punt li ġej:

"(d) 'vettur' tfisser l-insetti *Cicadomorpha* magħrufa li jittrażmettu l-pest speċifikat lill-pjanti, jew kwalunkwe insett ieħor suspettat li jittrażmetti l-pest speċifikat lill-pjanti.";

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġiet annwali tal-pjanti ospitanti, u ta' kwalunkwe speċi oħra ta' pjanti f'każ ta' suspett ta' infezzjoni, għall-identifikazzjoni tal-pest speċifikat fit-territorju tagħhom. Dawk l-istħarriġiet jistgħu jkopru wkoll il-vetturi.";

([5]) PM7/24(5) *Xylella fastidiosa*. DOI: https://doi.org/10.1111/epp.12923.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1770 tas-26 ta' Novembru 2020 dwar it-tipi u l-ispeċijiet ta' pjanti għat-tħawwil li mhumiex eżentati mir-rekwiżit tal-kodiċi tat-traċċabbiltà għall-passaporti tal-pjanti skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/105/KEE (ĠU L 398, 27.11.2020, p. 6, ELI http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1770/oj).

(b) fil-paragrafu 3, jiżdied is-subparagrafu li jmiss:

"F'dawk l-Istati Membri fejn il-pest speċifikat ma jistax jiġi stabbilit fil-beraħ minħabba l-kundizzjonijiet ekoklimatiċi, l-istħarriġiet għandhom jitwettqu biss f'postijiet, għajr fil-beraħ, fejn jitkabbru l-pjanti ospitanti li x'aktarx joħolqu riskju għat-tixrid tal-pest speċifikat fit-territorju tal-Unjoni.";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Dawk l-istħarriġiet għandhom jikkonsistu mill-ġbir ta' kampjuni u mill-ittestjar tal-pjanti għat-tħawwil, u, jekk applikabbli, tal-vetturi. B'kont meħud tal-Linji Gwida tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-Awtorità) għal stħarriġiet statistikament sodi u bbażati fuq ir-riskju tal-*Xylella fastidiosa*, id-disinn tal-istħarriġ u l-iskema tal-kampjunar użati għandhom jippermettu, b'livell suffiċjenti ta' affidabbiltà, l-identifikazzjoni ta' livell baxx ta' preżenza tal-pest speċifikat fl-Istat Membru kkonċernat.

4a. Fejn il-preżenza tal-pest speċifikat tiġi kkonfermata f'vettur, f'żona fejn ma jkunx magħruf li l-pest speċifikat huwa preżenti, l-Istat Membru kkonċernat għandu, mingħajr dewmien, iwettaq stħarriġiet f'raġġ ta' mill-inqas 400 m madwar is-sejba tal-vettur infettat, kif ukoll il-kampjunar u l-ittestjar tal-pjanti ospitanti u ta' kwalunkwe speċi oħra ta' pjanti f'każ ta' suspett ta' infezzjoni.";

(3) fl-Artikolu 4(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta l-preżenza tal-pest speċifikat tkun ġiet ikkonfermata uffiċjalment fil-pjanti, l-Istat Membru kkonċernat għandu jistabbilixxi żona demarkata minnufih.";

(4) L-Artikolu 5(4) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) iwettaq, fiż-żona fejn il-preżenza tal-pest speċifikat tkun ġiet ikkonfermata għall-ewwel darba, stħarriġ annwali għal mill-inqas sena biex jiġi ddeterminat jekk ikunux ġew infettati xi pjanti oħra u jekk jenħtieġx li jittieħdu aktar miżuri;";

(b) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-istħarriġ imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandu jikkonsisti fil-ġbir ta' kampjuni għall-ittestjar bl-użu ta' wieħed mit-testijiet molekulari elenkati fl-Anness IV. Id-disinn tal-istħarriġ u l-iskema tal-kampjunar għandhom jippermettu l-identifikazzjoni ta' livell ta' preżenza ta' 1 % ta' pjanti infettati b'affidabbiltà ta' mill-inqas 90 %;";

(5) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) pjanti speċifikati, għajr dawk imsemmija fil-punti (c) u (d), li ma jkunux ġew soġġetti minnufih għall-kampjunar u l-ittestjar molekulari.";

(ii) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Il-pjanti speċifikati msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (e), li jkunu ttestjaw negattivi għall-preżenza tal-pest speċifikat ma għandhomx għalfejn jitneħħew.

B'deroga mill-punt (e), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jħdux kampjuni u ma jittestjawx minnufih dawk il-pjanti speċifikati li ma jkunux instabu infettati mill-pest speċifikat f'dik iż-żona demarkata fl-aħħar sentejn, abbażi tar-riżultati tal-kampjunar u tal-ittestjar imwettqa f'konformità mal-punt (e) u l-istħarriġiet skont l-Artikolu 10. Madankollu, dawk il-pjanti għandhom ikunu soġġetti għall-istħarriġiet annwali mwettqa f'konformità mal-Artikolu 10.";

(b) fil-paragrafu 3, il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"B'deroga mill-punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jneħħux pjanti speċifikati individwali uffiċjalment dożinjati bħala pjanti b'valur storiku jew siġar b'valur soċjali, kulturali jew ambjentali partikolari li l-qtugħ tagħhom ikollu impatt inaċċettabbli jew li jkunu soġġetti għal regoli speċifiċi nazzjonali jew tal-Unjoni għall-protezzjoni tagħhom, dment li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:";

(6) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

Miżuri kontra l-vetturi tal-pest speċifikat

1. Fiż-żona infettata, l-Istat Membru kkonċernat għandu japplika trattamenti fitosanitarji xierqa kontra l-istadji kollha tal-popolazzjoni tal-vettur tal-pest speċifikat. B'mod partikolari, għandu japplika dawk it-trattamenti qabel u matul it-tneħħija tal-pjanti msemmija fl-Artikolu 7(1), matul l-istaġun tal-migrazzjoni tal-vetturi. Dawk il-prattiki għandhom jinkludu trattamenti kimiċi, bijoloġiċi jew mekkaniċi effiċjenti kontra l-vetturi, filwaqt li jittieħed kont tal-kundizzjonijiet lokali.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu japplika:

(a) fiż-żoni agrikoli, fiż-żona infettata u fiż-żona ta' lqugħ, il-prattiki agrikoli għall-kontroll tal-popolazzjoni tal-vettur tal-pest speċifikat, fl-istadji kollha tiegħu, fl-aktar żmien xieraq tas-sena, irrispettivament mit-tneħħija tal-pjanti kkonċernati;

(b) fiż-żoni għajr iż-żoni agrikoli, mill-inqas fiż-żoni infettati, miżuri għall-kontroll tal-popolazzjoni tal-vettur tal-pest speċifikat, fl-istadji kollha tiegħu, fl-aktar żmien xieraq tas-sena, irrispettivament mit-tneħħija tal-pjanti kkonċernati.

Il-prattiki agrikoli msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu u l-miżuri msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandhom jinkludu trattamenti kimiċi, bijoloġiċi jew mekkaniċi effiċjenti kontra l-vetturi, kif xieraq, filwaqt li jittieħed kont tal-kundizzjonijiet lokali.";

(7) fl-Artikolu 9, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tiddeċiedi li ma teqridx l-injam imsemmi fil-paragrafu 2, hija għandha tivverifika li dan ikun ħieles mill-weraq u mill-fergħat.";

(8) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istat Membru kkonċernat għandu japplika trattamenti fitosanitarji xierqa kontra l-istadji kollha tal-popolazzjoni tal-vettur tal-pest speċifikat fuq il-pjanti msemmija fl-Artikolu 13(1) qabel it-tneħħija tagħhom, b'mod partikolari matul l-istaġun tal-migrazzjoni tal-vetturi, u madwar il-pjanti msemmija fl-Artikolu 13(2). Dawk it-trattamenti għandhom jinkludu trattamenti kimiċi, bijoloġiċi jew mekkaniċi effiċjenti kontra l-vetturi, filwaqt li jittieħed kont tal-kundizzjonijiet lokali.";

(9) fl-Artikolu 15(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) f'żona li tkun mill-inqas 2 km 'il bogħod mill-fruntiera taż-żona infettata maż-żona ta' lqugħ;";

(10) fl-Artikolu 16, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tiddeċiedi li ma teqridx l-injam imsemmi fil-paragrafu 2, hija għandha tivverifika li dan ikun ħieles mill-weraq u mill-fergħat.";

(11) L-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (b) u (c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) dawk il-pjanti speċifikati jitħawlu jew jitlaqqmu fiż-żoni infettati elenkati fl-Anness III, iżda barra miż-żona msemmija fl-Artikolu 15(2), il-punt (a), u preferibbilment ikunu jappartjenu għal varjetajiet ivvalutati bħala reżistenti jew tolleranti għall-pest speċifikat jew jappartjenu għall-istess speċijiet ta' pjanti li jkunu ġew ittestjati u li jkunu nstabu ħielsa mill-pest speċifikat abbażi ta' stħarriġiet imwettqa fiż-żona infettata mill-inqas fl-aħħar sentejn;

(c) dawk il-pjanti speċifikati li jappartjenu għall-istess speċijiet ta' pjanti li jkunu ġew ittestjati u li jkunu nstabu ħielsa mill-pest speċifikat abbażi tal-attivitajiet ta' stħarriġ imwettqa għal mill-inqas l-aħħar sentejn f'konformità mal-Artikolu 10 u jkunu tħawlu mill-ġdid fiż-żoni infettati stabbiliti għall-fini ta' eradikazzjoni;";

(b) jiżdied li punt li ġej:

"(d) il-pjanti speċifikati għajr dawk imsemmija fil-punt (b) jistgħu jitħawlu għal skopijiet xjentifiċi dment li jitħawlu barra miż-żoni msemmija fl-Artikolu 15(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a).";

(12) fl-Artikolu 19, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-pjanti speċifikati jkunu tkabbru matul iċ-ċiklu kollu tal-produzzjoni tagħhom f'sit li jkun ġie awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 24 jew ikunu ilhom preżenti f'sit bħal dan għal mill-inqas sena;";

(13) fl-Artikolu 23, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-pjanti speċifikati jkunu tkabbru f'sit li jappartjeni għal operatur irreġistrat f'konformità mal-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u fil-każ ta' żona infettata, is-sit jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 18;";

(14) fl-Artikolu 24(1), il-punti (b) u (c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) ikun sit protett fiżikament kontra l-pest speċifikat u l-vetturi tiegħu;

(c) ikun ġie soġġett għal mill-inqas żewġ spezzjonijiet fis-sena mill-awtorità kompetenti fl-aktar żmien xieraq, bl-aħħar waħda tinkludi l-kampjunar u l-ittestjar kemm jista' jkun qrib il-ħin tal-moviment.";

(15) fl-Artikolu 25(2), il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"B'deroga mill-paragrafu 1, il-pjanti għat-tħawwil, għajr iż-żrieragħ, ta' *Coffea* L., *Lavandula angustifolia* Mill., *Lavandula dentata* L., *Lavandula x intermedia* Emeric ex Loisel., *Lavandula latifolia* Medik., *Lavandula stoechas* L., *Nerium oleander* L., *Olea europaea* L., *Polygala myrtifolia* L., *Prunus dulcis* (Mill.) D.A.Webb u *Salvia rosmarinus* Spenn. jistgħu jiġu mċaqilqa fit-territorju tal-Unjoni għall-ewwel darba meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:";

(16) fl-Artikolu 27, it-tieni paragrafu, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) fil-każ fejn jiċċaqalqu ġewwa ż-żona ta' lqugħ, jew miż-żona ta' lqugħ għaż-żona infettata, l-indikazzjoni "Żona ta' Lqugħ - XYLEFA" għandha tiġi inkluża ħdejn il-kodiċi tat-traċċabbiltà msemmi fil-paragrafu 1(e) tal-Parti A tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2016/2031.";

(17) L-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat bil-miktub lill-Kummissjoni li huwa magħruf li l-pest speċifikat mhuwiex preżenti fil-pajjiż abbażi ta' spezzjoni, ta' kampjunar u ta' ttestjar molekulari, permezz ta' test elenkat fl-Anness IV u f'konformità mal-ISPM Nru 4 (*) u b'kont meħud tal-Linji Gwida tal-Awtorità għal stħarriġiet statistikament sodi u bbażati fuq ir-riskju tal-*Xylella fastidiosa*, id-disinn tal-istħarriġ u l-iskema tal-kampjunar użati jistgħu jidentifikaw b'livell suffiċjenti ta' affidabbiltà livell baxx ta' preżenza tal-pest speċifikat;

(*) ISPM Nru 4 Requirements for the establishments of pest free areas".;

(b) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) il-pjanti għat-tħawwil, għajr iż-żrieragħ, tal-*Coffea* L., *Lavandula angustifolia* Mill., *Lavandula dentata* L., *Lavandula x intermedia* Emeric ex Loisel., *Lavandula latifolia* Medik., *Lavandula stoechas* L., *Nerium oleander* L., *Olea europaea* L., *Polygala myrtifolia* L., *Prunus dulcis* (Mill.) D.A.Webb u *Salvia rosmarinus* Spenn. ikunu tkabbru f'sit li huwa soġġett għal spezzjoni annwali mill-awtorità kompetenti, bil-kampjunar u l-ittestjar, elenkati fl-Anness IV, li jitwettqu fiż-żminijiet xierqa għall-preżenza tal-pest speċifikat, bl-użu ta' skema ta' kampjunar li tista' tidentifika b'affidabbiltà ta' 80 %, livell ta' preżenza ta' pjanti infettati ta' 1 %;";

(18) L-Artikolu 29 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-pjanti ospitanti joriġinaw minn żona li tkun ġiet iddikjarata ħielsa mill-pest speċifikat min-naħa tal-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernata f'konformità mal-ISPM Nru 4 u abbażi ta' stħarriġiet uffiċjali bbażati fuq il-kampjunar u l-ittestjar, bl-użu ta' test elenkat fl-Anness IV u filwaqt li jitqiesu l-Linji Gwida tal-Awtorità għal stħarriġiet statistikament sodi u bbażati fuq ir-riskju tal-*Xylella fastidiosa*, id-disinn tal-istħarriġ u l-iskema tal-kampjunar użati jistgħu jidentifikaw b'livell suffiċjenti ta' affidabbiltà, livell baxx ta' preżenza tal-pest speċifikat;";

(b) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) il-pjanti ospitanti jkunu akkumpanjati minn ċertifikat fitosanitarju li jiddikjara li jkunu qattgħu ħajjithom kollha fiż-żona msemmija fil-punt (a), b'referenza speċifika għal isem dik iż-żona;";

(c) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) il-pjanti għat-tħawwil, għajr iż-żrieragħ, tal-*Coffea* L., *Lavandula angustifolia* Mill., *Lavandula dentata* L., *Lavandula x intermedia* Emeric ex Loisel., *Lavandula latifolia* Medik., *Lavandula stoechas* L., *Nerium oleander* L., *Olea europaea* L., *Polygala myrtifolia* L., *Prunus dulcis* (Mill.) D.A.Webb u *Salvia rosmarinus* Spenn. ikunu tkabbru f'sit li huwa soġġett għal spezzjoni annwali mill-awtorità kompetenti, bil-kampjunar u l-ittestjar, elenkati fl-Anness IV, li jitwettqu fiż-żminijiet xierqa fuq dawk il-pjanti għall-preżenza tal-pest speċifikat, bl-użu ta' skema ta' kampjunar li tista' tidentifika b'affidabbiltà ta' 80 %, il-livell ta' preżenza ta' pjanti infettati ta' 1 %;";

(19) L-Artikolu 30 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (c)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) l-isem jew il-kodiċi tas-sit(i) ta' produzzjoni ħieles/ħielsa mill-pesti;";

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (d)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) l-isem jew il-kodiċi tas-sit(i) ta' produzzjoni ħieles/ħielsa mill-pesti.";

(20) fl-Artikolu 35, il-paragrafi 2 u 3 jitħassru;

(21) L-Annessi huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Korrezzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201 huwa kkoreġut kif ġej:

(1) fl-Artikolu 32, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Dawn il-kontrolli għandhom jitwettqu mill-inqas fil-postijiet, inklużi t-toroq, l-ajruporti u l-portijiet, fejn il-pjanti speċifikati jiġu mċaqilqa minn żoni infettati lejn żoni ta' lqugħ jew lejn partijiet oħra tat-territorju tal-Unjoni.";

(2) fl-Anness II, fil-lista ta' "Pjanti speċifikati suxxettibbli għall-*Xylella fastidiosa* tas-sottospeċi *multiplex*", titħassar l-entrata "*Salvia apiana* Jeps.".

Artikolu 3

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1770

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1770 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1, il-punt 15, il-punti 17(b) u 18(c), u l-Artikolu 3 għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

EMENDI TAR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI (UE) 2020/1201

L-Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1201 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Carya* Nutt." u "*Catharanthus roseus* (L.) G.Don":

"*Castanea sativa* Mill.";

(b) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Clematis vitalba* L." u "*Coelorachis cylindrica* (Michx.) Nash":

"*Clinopodium nepeta* (L.) Kuntze";

(c) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Coprosma repens* A.Rich." u "*Coronilla* L.":

"*Cornus sanguinea* L.";

(d) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Grevillea juniperina* Br." u "*Hebe* Comm. ex Juss.":

"*Grevillea rosmarinifolia* A. Cunn.";

(e) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Lonicera japonica* Thunb." u "*Lupinus aridorum* McFarlin ex Beckner":

"*Lonicera periclymenum* L.";

(f) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Medicago sativa* L." u "*Metrosideros* Banks ex Gaertn.":

"*Mentha suaveolens* Ehrh.";

(g) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Pteridium aquilinum* (L.) Kuhn" u "*Pyrus* L.":

"*Pyracantha coccinea* M. Roem.";

(h) "*Rhamnus* L." huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Rhamnus alaternus* L.";

(i) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Scabiosa atropurpurea* var. *maritima* L." u "*Setaria magna* Griseb.":

"*Senecio inaequidens* DC.";

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) il-lista ta' "Pjanti speċifikati suxxettibbli għall-*Xylella fastidiosa* is-sottospeċi *fastidiosa*" hija emendata kif ġej:

(i) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Ficus carica* L." u "*Genista lucida* L.":

"*Fraxinus angustifolia* Vahl";

(ii) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Juglans regia* L." u "*Lupinus aridorum* McFarlin ex Beckner":

"*Liquidambar styraciflua* L.";

(iii) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Psidium* L." u "*Rhamnus alaternus* L.":

"*Quercus ilex* L.";

(iv) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Rhamnus alaternus* L." u "*Rubus rigidus* Sm.":

"*Rubus ideaus* L.";

(b) il-lista ta' "Pjanti speċifikati suxxettibbli għall-*Xylella fastidiosa* is-sottospeċi *multiplex*" hija emendata kif ġej:

(i) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Acacia* Mill." u *Acer griseum* (Franch.) Pax":

"*Acer granatense* Boiss.";

(ii) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Carya* Nutt." u "*Celtis occidentalis* L.":

"*Castanea sativa* Mill.";

(iii) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Cercis siliquastrum* L." u "*Chionanthus* L.":
"*Chenopodium album* L.";

(iv) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Clematis vitalba* L." u "*Convolvulus cneorum* L.":
"*Clinopodium nepeta* (L.) Kuntze";

(v) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Coprosma repens* A.Rich." u "*Coronilla* L.":
"*Cornus sanguinea* L.";

(vi) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Grevillea juniperina* Br." u "*Hebe* Comm. ex Juss.":
"*Grevillea rosmarinifolia* A. Cunn.";

(vii) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Lonicera japonica* Thunb." u "*Lupinus aridorum* McFarlin ex Beckner":
"*Lonicera periclymenum* L.";

(viii) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Medicago sativa* L." u "*Metrosideros* Banks ex Gaertn.":
"*Mentha suaveolens* Ehrh.";

(ix) "*Rhamnus* L." huwa sostitwit b'dan li ġej:
"*Rhamnus alaternus* L.";

(x) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Scabiosa atropurpurea* var. *maritima* L." u "*Solidago virgaurea* L.":
"*Senecio inaequidens* DC.";

(3) fl-Anness III, tiżdied il-Parti D li ġejja:

"PARTI D

Żona infettata fil-Portugall

Iż-żona infettata fil-Portugall tinkludi ż-żona li ġejja:

Ir-reġjun ta' Porto

Parti mill-parroċċi li ġejjin li jinsabu fil-muniċipalità ta' Espinho:
Anta e Guetim
Espinho
Silvalde

Parroċċi li jinsabu fil-muniċipalità ta' Gondomar:
Gondomar (São Cosme), Valbom e Jovim

Parti mill-parroċċi li ġejjin li jinsabu fil-muniċipalità ta' Gondomar:
Baguim do Monte (Rio Tinto)
Fânzeres e São Pedro da Cova
Foz do Sousa e Covelo
Melres e Medas
Rio Tinto

Parti mill-parroċċi li ġejjin li jinsabu fil-muniċipalità ta' Maia:
Pedrouços

Parti mill-parroċċi li ġejjin li jinsabu fil-muniċipalità ta' Matosinhos:
Custóias, Leça do Balio e Guifões
São Mamede de Infesta e Senhora da Hora

Paroċċi li jinsabu fil-muniċipalità ta' Porto:
Bonfim
Campanhã
Cedofeita, Ildefonso, Sé, Miragaia, Nicolau, Vitória
Paranhos

Parti mill-parroċċi li ġejjin li jinsabu fil-muniċipalità ta' Porto:
Aldoar, Foz do Douro e Nevogilde
Lordelo do Ouro e Massarelos
Ramalde

Parroċċi li jinsabu fil-muniċipalità ta' Santa Maria da Feira:
Argoncilhe
Fiães
Nogueira da Regedoura
Sanguedo

Parti mill-parroċċi li ġejjin li jinsabu fil-muniċipalità ta' Santa Maria da Feira:
Caldas de São Jorge e Pigeiros
Canedo, Vale e Vila Maior
Lobão, Gião, Louredo e Guisande
Lourosa
Mozelos
Santa Maria de Lamas
São João de Ver
São Paio de Oleiros

Muniċipalità ta' Vila Nova de Gaia:
Il-parroċċi kollha"

(4) fl-Anness IV, fil-Parti B "Testijiet molekulari għall-identifikazzjoni tas-sottospeċijiet tal-*Xylella fastidiosa*", jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"4. PCR f'ħin reali abbażi ta' Dupas et al. 2019, li jiddetermina s-sottospeċijiet kollha (*);

5. PCR f'ħin reali abbażi ta' Hodgetts et al. 2021, li jiddetermina s-sottospeċijiet kollha (**).

_____

(*) DOI: 10.3389/fpls.2019.01732.
(**) DOI: 10.1111/jam.14903."

ANNESS II

EMENDI TAR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI (UE) 2020/1770

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1770 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Coffea*" u "*Lavandula dentata* L.":

"*Lavandula angustifolia* Mill.";

(2) l-entrati li ġejjin jiddaħħlu bejn "*Lavandula dentata* L." u "*Nerium oleander* L.":

"*Lavandula x intermedia* Emeric ex Loisel.

Lavandula latifolia Medik.

Lavandula stoechas L.";

(3) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn "*Prunus dulcis* (Mill.) D.A.Webb" u "*Solanum tuberosum* L.":

"*Salvia rosmarinus* Spenn.".